# Anniversarji

Dawn il-ġrajjiet, li l-anniversarju tagħhom jaħbat matul din is-sena, huma biss ftit mill-ħafna u ħafna avvenimenti li seħħew fl-imgħoddi, u li flimkien ma' bosta oħrajn jinsġu l-istorja interessanti u kkulurita ta' din il-belt u ta' din il-Parroċċa.

***Din is-sena jaħbat ...***

- **425 sena ta' tagħlim lit-tfal Sengleani (1588)**

Fis-sena 1588, 425 sena ilu, u seba' snin biss wara t-twaqqif tal-Parroċċa fl-Isla, insibu żewġ skejjel jew aħjar klassijiet ta' tagħlim għat-tfal, immexxija minn żewġ saċerdoti żelanti. F'dak iż-żmien kien imexxi d-Djoċesi l-Isqof Tumas Gargallo, bniedem b'fama ta' dixxiplina stretta, u kemmxejn sever, li ried jitkixxef dwar dawn l-iskejjel, u jara b'liema awtorità dawn kienu twaqqfu. Iż-żewġ saċerdoti li kienu jmexxu dawn l-iskejjel wieġbu li dak li kienu qed jagħmlu kienu qed jagħmluh biss b'imħabba u dover Nisrani lejn it-tfal Sengleani. Wieħed mis-saċerdoti kien



*Il-Knisja ċkejkna ta' San Ġiljan fl-Isla, salvat mill-ħerba tal-gwerra minkejja li bosta bini fil-viċinanzi tagħha safa mġarraf*

Dun Vinċenz Caruana, li fi żmien erba' snin kellu jsir it-tieni Kappillan tal-Isla. Hu kien jgħallem fil-knisja ta' San Ġiljan, u kellu bħala skulari tnax-il tifel. Is-saċerdot l-ieħor kien Dun Bernardin Francese, il-viċi tal-Kappillan Dun Anton de Nicolaci, u taħt il-kura tiegħu kien hemm għoxrin tifel.

Dan il-fatt juri b'mod mill-aktar ċar is-sehem kbir tal-Knisja f'Malta fl-edukazzjoni tal-poplu, saħansitra f'Parroċċa li kienet għadha fil-bidu tagħha.

- **250 sena minn meta l-Gran Mastru Pinto issieħeb fil-Fratellanza tal-Kurċifiss (1763)**




*Ir-rigal li l-Gran Mastru Pinto ħalla lill-Fratellanza tal-Kurċifiss biex jinżamm b'tifkira tiegħu*

Il-Fratellanza tal-Kurċifiss twaqqfet fl-Isla fl-1715, u minnufih tgħabbiet bl-obbligi kollha li kellha l-Fratellanza tal-Madonna tal-Karità, li kienet waslet biex tispiċċa. Il-ħidma karitattiva tal-Fratellanza, u l-impenn tal-fratelli għat-tixrid tad-devozzjoni lejn il-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù Kristu, għenu qatiegħ sabiex jersqu lejn il-Fratellanza u jinkitbu fiha, ħafna mill-aħjar

ċittadini Sengleani. Fiha issieħbu mhux biss nies komuni, imma saċerdoti, professjonisti, nies tal-arti u anke xi Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann. Fiha saħansitra issieħeb ukoll wieħed mill-Gran Mastri li kien imexxi l-Ordni, Fra Emmanuel Pinto. Dan kien fil-bidu tas-sena 1763 – 250 sena ilu. Immedjatament, f'seduta tal-Fratellanza miżmuma fl-14 ta' Jannar ta' dik is-sena, Pinto inħatar fl-għola grad fil-Fratellanza, dik ta' Prefett. Huwa ġie mġedded f'din il-kariga għal tmien darbiet fuq xulxin. Huwa miet fit-23 ta' Jannar 1773.

B'tifkira tiegħu, fis-Sagrestija tal-Oratorju tal-Kurċifiss hemm pittuta tiegħu bi skrizzjoni deskrittiva, filwaqt illi l-arma ġentilizja tiegħu hija mpittra fuq skudett taħt is-saqaf tal-Oratorju tal-Kurċifiss. Pinto, min-naħa tiegħu, kien irregala lill-Fratellanza salib tal-ġewż interzjat bix-xbieha ta' Kristu Msallab, liema salib għadu sal-lum espost għall-pubbliku fil-panew ċentrali tal-Kattedra tal-Uffiċjali fl-istess Oratorju.

- **200 sena minn żmien ta' pesta qalila (1813)**

F'Marzu tas-sena 1813 – 200 sena ilu – fil-gżejjer Maltin bdiet tinfirex pesta qalila u qerrieda. Il-Kapitlu tal-Kolleġġjata, taħt it-tmexxija tal-Arċipriet, Kan. Vinċenz Cachia, irrikorra għat-talb, u seret ukoll il-magħrufa wegħda ma' Ġesù Redentur, Marija Bambina u Santu Rokku biex l-Isla tinħeles minn dan il-flaġell. L-Isla ma ġietx kontaminata, u l-ewiegħdi twettqu. (Aktar dettalji dwar dan l-episodju fl-istorja ta' beltna f'paġna 73 ta' dan il-ktejjeb)

- **175 sena mill-akkwist tar-Relikwi ta' San Onoratu (1838)**

Fis-sena 1838 – 175 sena ilu – it-tielet Arċipriet tal-Isla, il-Kan. Leopoldu Fiteni, kien talab u akkwista minn Ruma l-fdalijiet qaddisa ta' San Onoratu, Martri. Meta dawn ir-relikwi, li jikkonsistu fil-kranju u xi għadam ieħor, inġiebu fl-Isla, għal xi raġuni jew oħra, l-Arċipriet Fiteni żammhom fid-dar tiegħu. L-istess għamlu s-suċċessuri tiegħu, l-Arċiprieti Kan. Alwiġ Mizzi u l-Kan. Franġisk Colombo.

Ftit wara li sar Arċipriet l-Kan. Anton Cordina, il-Kapitlu tal-Kolleġġjata ħa deċiżjoni li dawn ir-relikwi, li sa dan it-tant kienu għadhom fil-pussess tal-ex Arċipriet Colombo, li kien sar



Il-fdalijiet tal-Martri San Onoratu Martri fil-mensa tal-artal tal-Madonna tar-Rużarju

Monsinjur tal-Kattidral, jinġiebu fil-knisja tal-Isla, u jiġu esposti għall-qima. Dan wara li kienu ilhom jiġru minn id għall-oħra għall-22 sena sħaħ! L-Arċipriet Cordina nnifsu talab dawn ir-relikwi lil Colombo, li ma sab ebda oġġezzjoni li jgħaddihom lill-knisja. Għalhekk, nhar is-7 ta' Mejju 1882 sar transport ta' dawn ir-relikwi mill-knisja ta' San Ġiljan għall-Kolleġġjata, u ġew esposti għall-qima tal-fidili billi tqiegħdu fil-mensa tal-artal tal-Madonna tar-Rużarju.

Ta' min jgħid illi f'dawk iż-żminijiet, il-qima lejn dawn it-tip ta' relikwiji, li spiss kienu jingħataw il-forma ta' statwa b'xi partjiet bi ħġieġ trasparenti biex jidhru l-għadam, u xi drabi mlibbsin b'mod tassew rikk, kienet ħaġa komuni ħafna. Fl-Isla stess, fil-Knisja Parrokkjali, diġa' kien hemm il-fdalijiet ta' San Vitorju u ta' Santa Perinja, filwaqt li fil-Knisja ta' San Filippu hemm erbgħa relikwi simili.

- **125 sena tal-istatwa preżenti tal-Madonna tar-Rużarju (1888)**

Il-Fratellanza tal-Madonna tar-Rużarju, kienet twaqqfet fl-Isla, fil-bidu fil-Knisja tal-Madonna tal-Porto Salvo, fl-1598. Meta fl-1668 dik il-knisja għaddiet f'idejn l-Oratorjani ta' San Filippu Neri, il-Fratellanza ġiet trasferita għall-Knisja Parrokkjali. Din il-Fratellanza kienet kemm numeruża, kif ukoll attiva ħafna. L-imseħbin malajr ordnaw statwa tal-Madonna biex tinġarr fil-purċissjoni li kienu jorganizzaw fix-xahar ta' Ottubru. Imbagħad, fis-sena 1749, fuq kummissjoni tal-Fratellanza, l-iskultur Pietro Felici naqax statwa ġdida fl-injam biex tinġarr flok l-oħra l-qadima. Imma għal xi raġuni jew oħra, fl-1888 – 125 sena ilu – il-Fratellanza ġabet statwa proċessjonali oħra, din id-darba

impurtata minn Franza. Din l-istatwa turi lill-Madonna wieqfa dritta b'mod statiku, u żżomm lill-Bambin Ġesù fuq driegħha tax-xellug, u b'kuruna ta' 15-il posta tar-Rużarju li tgħaddi minn id il-Madonna għall-id il-Bambin. L-istatwa hija magħmula minn xi kompożizzjoni, għax la hija minquxa fl-injam u lanqas maħduma mill-kartapesta. Din l-istatwa preżenti, hija għalhekk it-tielet waħda tal-Madonna b'dan it-titolu fl-Isla. Tliet snin wara li din inġiebet, fl-1891, l-istatwa li kien ħadem Pietro Felici, ingħatat lill-Parroċċa ta' San Ġużepp tal-Imsida, wara talba mill-istess Parroċċa.



L-Istatwa tal-Madonna tar-Rużarju armata fil-knisja l-ġdida nhar il-5 t'Ottubru 1958

- **100 sena mill-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali (1913)**

Dan l-avveniment speċjali għad-Djoċesi Maltija u għall-pajjiżna, qanqal lill-poplu Malti ta' dak iż-żmien, b'entużjażmu u fervur reliġjuż kbir. L-Isla u l-Parroċċa wkoll kellhom sehem f'dawk iċ-ċelebrazzjonijiet, billi fost l-oħrajn, il-Kardinal Alvarez y Santos, Arċisqof ta' Sevilja fi Spanja, qaddes Pontifikal fil-Kolleġġjata nhar is-Sibt 26 ta' April. Fl-Isla wkoll, żewġ Isqfijiet li kienu fost il-mistednin distinti u speċjali, kienu alloġġaw għall-jiem tal-Kungress għand żewġ Monsinjuri Sengleani, Mons. Ġużeppi Bellia u Mons. Injazju Panzavecchia. (Aktar dettalji dwar dan il-Kungress f'paġna 3, u ritratt storiku f'paġna 10 ta' dan il-ktejjeb)

- **75 sena mill-aħħar xogħol fil-Knisja qabel il-gwerra (1938)**

Is-snin tat-tletinijiet tas-seklu li għadda, kienu karatterizzati b'ħidma sfiqa f'dik li hi dekorazzjoni u arrikkir tal-knisja, li kienet għadha kemm saret Bażilika fl-1921. F'dak il-perjodu ġiet mibnija, iddekorata u mpittra l-koppla l-ġdida, ġie mpitter is-saqaf tal-Kor, sar pulptu ġdid tal-irħam, u balavostrar tal-irħam madwar il-presbiterju. Dan apparti żieda ta' attrezzaturi tal-fidda u bosta xogħol ieħor.

Fis-sena 1938, fl-aħħar żminijiet tal-parrokat tal-Arċipriet Kan. Dun Ġużepp Bonanno, li kemm hu personalment kif ukoll il-familja tiegħu, kienu benefatturi tal-knisja, saret opra ġdida oħra, jiġifieri l-kisi bl-irħam tal-ġnub tal-Kor. Dan ix-xogħol kellu jkun il-bidu ta' proġett ieħor ambizzjuż, billi kellha ssir faċċata ġdida ta' rħamijiet fini għall-Kor, fejn kellha




Ġagħel impittra mill-Profs. Ġużeppi Briffa f'wieħed mill-flieli tal-koppla

ssir ukoll niċċa għall-istatwa inkurunata ta' Marija Bambina.

Fl-istess sena 1938, ingħata bidu għall-proġett ieħor ta' arrikkir, dak ta' ventartal tal-fidda għall-artal ta' Ġesù Redentur fl-Oratorju tal-Kurċifiss. Għal dan il-proġett kien tqabbad l-artist Antonio Sciortino, bla ebda dubju, l-aqwa artist tal-epoka. Iżda dan il-proġett kellu jitwaqqaf ħesrem minħabba l-inkwiet tal-gwerra, u ma tkompliex qabel l-1952 meta dan il-ventartal kien inħadem f'Milan.

Mill-banda l-oħra, l-irħam tal-Kor, sofra ħafna matul il-gwerra, u nofsu, dak tan-naħa tal-Kappellun tar-Rużarju, inqered għal kollox. Dan iżda reġa' sar ġdid fl-1957 għall-ftuħ mill-ġdid tal-knisja, meta ġie ukoll restawrat u llustrat mill-ġdid dak li kien salva mill-ħerba tal-gwerra.

Dik is-sena wkoll, l-1938, kienet l-aħħar sena li l-festa saret bil-pompa u s-sollennità tas-soltu, qabel f'Settembru 1939, faqqgħet il-gwerra li ġabet daqstant rovina fl-Isla.

- **75 sena mill-mewt tas-Surmast Gaetano Grech (1938)**

Is-Surmast u Kompożitur Gaetano Grech twieled l-Isla nhar it-18 ta' Settembru 1855 minn Anġlu u Tereża mwielda Fiammingo. Sa min meta kien għadu żgħir kien jidher ċar li ħareġ jixbah 'l ommu, nisel il-mużiċisti kemm f'Malta, kif ukoll barra minn xtutna.

Fi tfulitu studja il-klarinett għand is-Surmast Ġwann Battista Bellizzi u l-vjolin għand zijuh, is-Surmast Gorġ Fiammingo. Wara huwa kompla l-istudji għand is-Surmast Francesco Mallia Cassar, Senglean li kien għamel żmien *Maetro di Capella* tal-Bażilika tal-Isla, u l-armonija għand is-Surmast Pawlino Vassallo. Għadu żagħżugħ ta' 16-il sena, Gaetano kien idoqq mal-Banda Sengleana *La Sengle* taħt is-Surmast Tomaso Galea, u aktar tard narawh mal-Banda *La Vincitrice* taħt is-Surmast Pasquale Millo.

Sa minn meta kiteb l-ewwel Sinfonija tiegħu *La Bella Melita*, il-ġenju artistiku tiegħu beda jidher u baqa' jikber miegħu. Matul ħajtu, is-Surmast Grech kiteb u ppubblika għad kbir ta' biċċiet mużikali: marċi, sinfoniji, fanatasiji, valzers, inni, kif ukoll kompożizzjonijiet għall-kant u l-orkestra. Diversi soċjetajiet filarmoniċi talbuh biex ikun surmast direttur tal-baned tagħhom. Il-baned Maltin għadhom sal-lum jiftaħru bil-kapaċità tiegħu u jgħożżu fl-arkivji tagħhom il-mużika tiegħu.



Is-Surmast Gaetano Grech

Fl-1890, Mro. Gaetano Grech ġie maħtur bħala surmast akkademiku onorarju kif ukoll Soċju Fundatur taċ-*Circolo Bellini* ta' Catania. Ħafna mill-mużika sinfonika tiegħu għadha sal-lum iżżejjen l-librerija famuża ta' dan l-istitut ġewwa Catania. Forsi l-akbar u l-isbaħ xogħol mużikali tiegħu hija s-Sinfonija oriġinali *La Figlia del Re Pepino*. Żewġ Poemi Sinfoniċi deskrittivi: *L'Assedio di Malta* u *Calma e Bufera* huma żewġ kapulavuri tiegħu.

Huwa dmir tagħna li nibqgħu niftakru f'dan is-Surmast mhux biss għax fil-bidu tas-seklu 20 kien imexxi l-mużika tul il-jiem tan-Novena tal-Bambina imma fuq kollox għax kien l-ewlieni u l-uniku li kiteb u ħareġ għall-ewwel darba Grammatika tal-Mużika bil-Malti li l-ħtieġa tagħha kienet ilha tinħass. Ta' karattru umli u li ma jħobbx jidher, fil-kwiet ta' daru mehdi bix-xogħol tal-kompożizzjoni, Gaetano Grech sab it-talent tiegħu mifrux ma' Malta kollha u lilhin minnha. Huwa miet f'Raħal Ġdid nhar il-Ħamis 17 ta' Marzu 1938. Kellu 83 sena.